# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tad-19-il laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Marzu 2016 fis-6.15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Giljan Aquilina |
| **Viċi Sindku** | Mario Gauci |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| | Mark Azzopardi (6.55pm) |
| **Ambaxxatur Żagħżugħ** | Owen Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**19/01** **Talba**

**19/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba.

**19/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 18**

**19/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-Minuti Nru 18.

**19/03** **Punti mtella' mill-Minuti 18**

**19/03/01** **Para 18/03/01:** Il-Kunsill innota li ntbagħtet il-PO għall-bollards fi Triq San Ġwann u Triq San Bartilmew.

**19/03/02** **Para 18/03/02:** Ġiet ikkonfermata li ntbagħtet l-ittra lir-residenti ta' Sqaq il-Ħofra.

**19/03/03** **Para 18/03/03:** Kien hemm diskussjoni rigward il-latrina. Ġie innutat it-titjib fis-servizz mill-attendent. Ġie deċiż li tiġi sospiża d-deċiżjoni li jiġi tterminat il-kuntratt u jitħallsu l-kontijiet pendenti bin-nuqqas tad-default notices skont il-kuntratt. Ghandha isir manutenzjoni minn naha tal-kuntattur.

**19/03/04** **Para 18/03/04:** Ġie kkonfermat li qed isir sorveljanza fuq ix-xogħlijiet ta' Triq Fra Dumink Mifsud mill-Perit tal-Kunsill peress li l-perit li originarjament kien hadem fuq dan il-progett mhux lest li jkompli jiehu hsieb. Gie deciz li l-Agent S.E. jiehu hsieb li tingabar 'Change of Architect Form'. Ġie innutat li għal din is-sena il-purċissjoni tad-Duluri mhux ser tkun tista' tgħaddi minn din it-triq.

**19/03/05** **Para 18/03/06:** Saret l-oġġezzjoni mal-MEPA fuq il-proposta biex jinbena farm ghat-trobbija tal-Fniek fil-wied.

**19/03/06** **Para 18/03/07:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret il-laqgħa mal-Pulizija, il-Kappillan, Dwal Ġodda u mal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira flimkien mas-Sindku.

**19/03/07** **Para 18/003/09:** Għandu jsir follow-up mal-kuntrattur tal-knis. Ġie innutat in-nuqqas ta' ndafa kif ukoll il-ħaxix taħt il-bankini f'ċertu toroq specjalment fi Triq il Gnien u il-Qasam tad-djar tax-Xwieki. Jekk ikun hemm bzonn jinhargu default notices.

**19/03/08** **Para 18/05/02:** Ġie deċiż li l-plakka tal-isem tat-triq Emmanuel Parren teħel mal-faċċata ta' gnien.

**19/03/09** **Para 18/05/07:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret il-laqgħa mal-ARMS. Għandha tintbagħat ritratt tal-arloġġ tad-dawl tas-Searchlight Battery kif ukoll tal-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku informa li kontra dak li kien gie allegat ma hemm ebda illegalita' fis-Searchlight Battery u l-ARMS jaqblu li l-kontijiet tad-dawl pendenti ghandhom jithallsu mill-inkwilin tal-propjeta' qabel ma din giet mghoddija ghand il-Kunsill.

**19/03/10** **Para 18/05/09**: Wara diskussjoni, ġie deċiż li ssir Bus Bay fi Triq 31 ta' Marzu. Għandha tiġi rranġata l-bollard milquta fil-pjazza.

Is-Sur Mark Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-6.55pm.

**19/03/11** **Para 18/06/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-applikazzjoni għal Nazzareno Vassallo Award fejn ġie nnominat is-Sur Alfred Muscat ghall-premju Anzjan tas-Sena.

**19/03/12** **Para 18/06/06:** Ġie deċiż li tintbagħat ittra lir-residenti biex jiġu nfurmati li l-ġbir ta' skart separat ser jibda jsir nhar ta' Tlieta biss.

**19/03/13** **Para 18/07/01:** Il-Kunsill iltaqa' mat-tliet kandidati shortlisted mill-Bord. Il-Kunsill innota l-kwalitajiet tajbin tat-tliet kandidati. Wara diskussjoni, ġie deċiż li jintgħażel is-Sur Pierre Balzia għal post ta' Skrivan Skala 15. Kien hemm qbil unanimu.

**19/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**19/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Ġie deċiż li jiġu vverifikati il-pagamenti 24 u 25 qabel ma jsiru dawn il-pagamenti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati il-kumplament tal-pagamenti. Ġie deċiż ukoll li jitħallsu l-pagamenti lis-Sur Dieter Falzon għall-ammonti 391.39 Ewro u 175.49 Ewro. Kien hemm qbil unamimu wkoll fuq il-lista tal-petty cash. Ghal darba ohra l -Kunsill gibdet l-attenzjoni sabiex xiri minghand il-hwienet tal-merca ghandu jsir bil-petty cash.

**19/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**19/05/01** 18116077242840 Talba għall-mera faċċata tal-garage ta' resident fi Triq S Zerafa. Ġie deċiż li din tista' ssir mir-resident u bi qbil mar-residenti tal-faċċata.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**19/05/02** 18116017242353 Talba mill-Barman tal-Każin tal-Football biex jinbidlu l-bankijiet li hemm fi Triq San Ġwann kantuniera ma’ Triq San Bartilmew. Il-Kunsill innota li fil-jiem li ghaddew wiehed mill-bankijirt li kien fil-post gie vandalizzat u mormi f'ghalqa privata. Ġie unanimament deċiż li ma jehlux bankijiet peress li dawn jostakolaw il-mixi fuq il-bankina.

**19/05/03** 1811607324343 Talba biex teħel tabella biex ma jidħlux vetturi kbar fi Triq il-Ġdida. Il-Kunsill innota li diġà tinsab tabella “Access for Residents Only”

**19/05/04** Is-Sur Mario Gauci ressaq talba biex issir tabella No Right Turn meta tkun ħiereġ minn Sqaq il-Ħofra għal Triq San Ġwann. Il-Kunsill approva unanimament.

**19/05/05** Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li parti t’isfel ta' Triq San Bartilmew issir One Way. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suggeriment u iddiskuta kif eventwalment fi Triq San Gwann u Triq San Bartilmew u l-inhawi ghandha issir skema gdida ta' kif jimxi t-traffiku li tkun tinkludi diversi one-ways.

**19/06** ***Korrispondenza***

**19/06/01** Ġie innutat li ser isir Feasibility Study fuq il-Public Conveniences ta' Malta inkluża dik fil-Għargħur.

**19/06/02** Il-Kunsillier Christopher Fenech tkellem dwar korrispondenza mid-DLG fejn ser jitqassmu laptops lil 11-il Kunsill li jobbligaw ruħhom li jgħallmu nies jużaw is-servizzi ta' Servizzi.gov. Il-Kunsill ma kienx applika fil-hin għal din l-iskema. Gie innutat li bhal xi ittri ohra din il-korrispondenza ma kinitx tqassmet lill-Kunsilliera.

**19/06/03** Ġiet innutata kjarifikazzjoni għal-laqgħa fuq Consignment of Procedures Permit for WEEE & Bulky Refuse.

**19/06/04** Kien hemm diskussjoni fuq kwotazzjoni għat-tiswija tal-lift tal-Kunsill. L-ammont ikkwotat kien ta' 435 Ewro. Kien hemm qbil li din tiġi aċċettata.

**19/06/05** Ġiet innutata korrispondenza rigward ilmenti diskussi waqt laqgħa li saret mal-Kunsill mill-OPM. L-Agent S.E. ghandu jiehu hsieb jibghat risposta.

**19/06/06** Kien hemm diskussjoni rigward proposta minn Cartridge World. Ġie deċiż li ma tiġix aċċettat din il-proposta.

**19/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**19/07/01** Is-Sur Giljan Aquilina tkellem fuq il-problema li hemm fi Triq il-Gnien minħabba li t-triq hija dejqa. Hu nforma lill-Kunsill li hemm kumpanija privata li toffri servizzi ta' dawl tat-traffiku li jistgħu, mingħajr ħlas, jagħmlu proposta li tista’ titressaq ma’ TM. Ġie deċiż li tiġi aċċettata li ssir din il-proposta.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**19/07/02** Is-Sur Giljan Aquilina tkellem ukoll fuq il-ħinijiet tas-Sajf għall-ħaddiema tal-Kunsill. Wara diskussjoni, ġie deċiz li mis-16 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru, il-Kunsill jagħlaq fis-1.00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm qbil fuq din. Hu informa lill-Kunsill li tlesta x-xogħol fuq il-kulvert fi Sqaq Sofia.

**19/07/03** Ġie diskuss il-Performance Apprasials tal-ħaddiema tal-Kunsill. Wara diskussjoni, ġie deċiż li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jingħata performance bonus ta' 10%, l-Executive Officer tingħata 6% u l-Iskrivana tingħata 5%. Kien hemm qbil fuq dan.

**19/07/04** Is-Sur Christopher Fenech ippropona li ssir mera fi Triq 31 ta' Marzu kantuniera ma’ Triq Caravaggio, mera oħra fi Triq San Ġwann kantuniera ma’ Triq S Zerafa, tabella cul-de-sac fi Triq il-Kbira u tabella ta' sleeping policeman fi Triq San Ġwann. Kien hemm qbil fuq dan. Ippropona ukoll li tinxtara pjanta ġdida għall-pjazza kif ukoll li ssir Information Board għall-Kappella ta' San Ġwann. Kien hemm qbil.

**19/07/05** Is-Sur Mark Azzopardi ppropona li jsiru żewġ tabelli fi Triq Għaxqet l-Għajn “No Access by Car” Kien hemm qbil. Rigward xi ilmenti li kien dahlu dwar l-gheluq ta din it-triq il-Kunsill qabel li meta jiccaqilqu l-bollards dawn ghandhom jigu irrangati u jekk ikun hemm bzonn jingiebu bollards akbar. Il-Kunsillier C. Fenech semma li issa ser ikun hemm problema biex jidhol il-bowser isaqqi fis-Searchlight Battery.

**19/08** **Aġġornament**

**19/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 28 ta’ Marzu 2016 fis-6.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Giljan Aquilina** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |